KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' onlajn fuq messenger, nhar il-Ħamis, 23 ta' April, 2020, fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**13.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

13.01.01 Carmen Borg - Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**13.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 12 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**13.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-kuntrattur li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol fi' triq Ċensu Buġeja sa jkun qed jinbidel wara diversi ilmenti ma' Infrastructure Malta.

13.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li bħalissa għadna xi ħaddiema ta' kumpanija privata qed jagħmlu xi tindif u manutenzjoni. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** talab biex issir tindif in-naħa tal-Franġiskani. **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** talab biex issir xi tindif in-naħa ta' s-Samra.

13.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li għalkemm ir-rivista tal-kunsill toħroġ f'Mejju, huwa qal li hemm problema biex jinstabu reklami minħabba is-sitwazzjoni preżenti. Huwa issuġerixxa li l-kunsill jiffinanzja in-nuqqas ta' fondi. **Il-Kunsillier Vince Bonello** qal li fil-mument ħadt mhux jibgħat xejn, għaldaqstant huwa jissuġġerixxi li nistennew fti biex nipublikawħ. Il-kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li nistgħu nuzawħ biex inwasslu informazzjoni u messaġġ. Il-kunsill qabel li jiġi ippublikat.

13.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li ġew ordnati il-Pots għas-sistema ta' irrigazzjoni ma' l-iskola, dawn ha jiswew €3,500 u għandhom jaslu f'Mejju. Huwa informa l-kunsill li tlestiet is-sistema fi' Ġnien Anton Buttiġieġ kif ukoll daqt tiġi installata dik ta' r-Rabat.

13.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** qal lil-kunsill li is-Segretarju Eżekuttiv lest li jiċċaqlaq f'kamra li kienet tintuża bħala store biex ikollna kamra oħra li nistgħu nużaw bħala sala. Għaldaqstant ħa jkun hemm bżonn nixtru xi għamara u affarijiet oħra. Il-kunsill qabel unanimament.

12.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ħaddiema tal-kunsill qed iqassmu xi xirjiet mibgħuta mil-Fondazzjoni għal-familji fil-bżonn.

12.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li il-latrini pubbliċi ta' Triq il-Ferrovija bħalissa tinstab magħluqa biex ikollna iktar kontroll tas-sitwazzjoni.

12.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill għadu għadej il-proċess biex tinħatar persuna klerikali.

13.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li resident li joqgħod fejn Triq Farsons offra li jekk nixtru kamera tas-sigurta', nistgħu nużaw elettriku u internet mar-residenza tiegħu. Huwa issuġerixxa wkoll jitwaħħlu kameras tas-sigurta' fi' Triq Ħal Qormi kif ukoll Fi' Triq Cordina Perez. Huwa informa lil kunsill li f'Market Research li sar, huwa qal li l-ispiża titla €3,500 u jkunu jistgħu jeħlu ammont tajjeb ta' kameras. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li hija proposta tajba. **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** qal li jekk jigħnuna il-pulizija, jinqataw l-abbużi. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li qed issir kuntatt kontinwu mal-bank fil-Ħamrun li iddeċieda li jagħlaq temporanjament, iżda dawn qed iġibu ħafna skużi.

13.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li il-billboard barra l-kunsill issir bid-disinn ta' z-żewġ parroċċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.04 Covid-19 fil-Ħamrun**

13.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li bħala kunsill konna fuq quddiem biex ittieħdu miżuri. Huwa rimarka li konna l-ewwel kunsill li waqafna aċċess għal bankijiet filwaqt li għalaqna ġonna u latrina. Kellna tindif kontinwu kemm mil-kunsill kif ukoll mil-gvern ċentrali. Xtrajna dak kollu neċessarju biex il-ħaddiema u nies ikunu protetti kif ukoll waqafna ħlasijiet bil-flus kontanti u qed naċċettaw biss ċekkijiet u trasferimenti fil-bank. Huwa informa li hemm possibilta' li jkun hemm EPOS Machines biex persuna tħallas bil-karta ta' kreditu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.05 Clip tal-Ħamrun**

13.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li jixtieq li bħala kunsill nagħmlu il-clip li jsir kull sena. Il-Kunsill qabel unanimament. Huwa saqsa jekk xi ħadt jafx lil xi ħadt, jinformaw is-Segretarju Eżekuttiv.

**13.06 Ħanut triq il-Kbira / Shelter Triq Atoċia**

13.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li l-karti mil-Accountant għad-devoluzzjoni tal-Ħanut fi triq il-Kbira il-Ħamrun kif ukoll ix-Xelter ta' triq Atoċia lesti. Għaldaqstant, għalkemm diġa' approvati, huwa xtaq jikkonferma li l-kunsill huwa favur li dawn jiġu devoluti lil kunsill. Il-kunsill reġa' qabel unanimament.

.

**13.07 Ħaddiem Ġdid Skema CIES**

13.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li kien biss is-Sinjur Kurt Borġ li attenda għal intervista. Il-kunsill qabel unanimament li jiġi ingaġġjat.

**13.08 Skeda ta' Hlasijiet**

13.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Marzu, 2020.

**Il-Kunsillier jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Vince Bonello** issekonda l-mozzjoni**.**

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**12.10 Ħwejjeġ Oħra**

13.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** talab li jitnaddfu iktar ta' spiss l-iskips, kif ukoll li jsiru dawk li tagħfas b'saqajk u jinfetħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa diġa' kellem il-kuntrattur fejn dan qalu li kif ikollu disponibbli, jibdilhom.

13.10.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** talab informazzjoni dwar il-flus li nġabru għal familji milquta fit-traġedja tal-Familja Pace. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kunsill li l-Bank qed jitlob informazzjoni li qatt ma kellu tal-kunsill kif ukoll qed jagħmel ħafna burokrazija. Huwa qal li sa illum stess reġa' kellu kuntatt magħhom u jittama li sa l-aħħar ta' Mejju joħrog iċ-ċekk.

,

13.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li l-kunsill ta' tfal ħa jagħmlu filmat qasir biex jibgħatu messaġġ pożittiv.

13.10.04 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** reġa' ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' triq il-ġdida fi' triq il-Kanun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsill li qed issir ix-xogħol mal kuntratturi minħabba id-dwal u il-linji ta' t-traffiku,

13.10.05 **Il-Kunsillier Louise Portelli** saqsiet jekk hemmx xi raġuni partikolari li ingħalaq il-bank fil-Ħamrun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsill li ma hemmx raġuni partikolari.

13.10.06 **Il-Kunsillier Louise Portelli** rimarkat li hija ħasra li l-kunsill qed jagħmel tant ħidma fejn jidħol separazzjoni ta' skart, filwaqt li-gvern ċentrali mhux jisepara. Il-Kunsill qabel, filwaqt li kien hemm qbil li l-kunsill għandu jibqa' jagħmel il-parti tiegħu

13.10.07 **Il-Kunsillier Vince Bonello** rimarka dwar il-ħtieġa li nirranġaw ir-railing fi Triq Mile End. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qeda mniżżla fil-lista ta' Xogħlijiet li jridu jsiru.

**13.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

13.01.01 Il-laqgħa intemmet fis-8:00p.m, u ġiet aġġornata għal-Mejju, 2020.

Konfermati, illum, _____________________

_____________________ _____________________

Christian Sammut Daniel Bugeja

Sindku Segretarju Eżekuttiv